

IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

**Sommarju tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar
ir-Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għad-dixxiplini tal-
kummerċ diġitali mar-Repubblika tal-Korea u ma' Singapore**

(2023/C 253/02)

(It-test sħiħ ta' din l-Opinjoni jista' jinstab bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż fuq is-sit web tal-EDPS <https://edps.europa.eu>)

Fl-14 ta' April 2023, il-Kummissjoni Ewropea haġġet Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal dixxiplini kummerċjali diġitali mar-Repubblika tal-Korea u ma' Singapore

L-objettiv ta' din ir-rakkomandazzjoni huwa li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mar-Repubblika tal-Korea u ma' Singapore sabiex jiġu stabbiliti dixxiplini vinkolanti dwar il-kummerċ fi prodotti u servizzi permessi b'mezzi elettroniċi. Dawn in-negozjati jistgħu jkopru l-flussi transfruntiera tad-*data* b'fiduċja, ir-rekwiżiti ta' lokalizzazzjoni tad-*data* u l-protezzjoni tad-*data* personali.

L-EDPS ifakkar li, peress li l-protezzjoni tad-*data* personali hija dritt fundamentali fl-Unjoni, hija ma tistax tkun soġġetta għal negozjati fil-kuntest tal-ftehimiet kummerċjali tal-UE. Djalogi dwar il-protezzjoni tad-*data* u negozjati dwar il-kummerċ ma' pajjiżi terzi jistgħu jikkomplementaw lil xulxin iżda jridu jsegwu perkorsi separati. Il-flussi tad-*data* personali bejn l-UE u l-pajjiżi terzi għandhom ikunu possibbli permezz tal-mekkaniżmi pprovduti skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data*. L-EDPS ifakkar li fl-2018, il-Kummissjoni approvat dispożizzjonijiet orizzontali għall-flussi transfruntiera tad-*data* u għall-protezzjoni tad-*data* personali fin-negozjati kummerċjali. L-EDPS iqis li dawn id-dispożizzjonijiet jilhqgħu kompromess ibbilanċjat bejn l-interessi pubbliċi u privati peress li jippermettu lill-UE tindirizza Prattiki protezzjonisti f'pajjiżi terzi fir-rigward tal-kummerċ diġitali, filwaqt li jiżguraw li l-ftehimiet kummerċjali ma jkunux jistgħu jintużaw biex jiġi kkontestat il-livell għoli ta' protezzjoni garantit mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni ta' *data* personali. L-EDPS jifhem mir-rakkomandazzjoni li n-negozjati dwar il-flussi tad-*data* u l-protezzjoni tad-*data* għandhom jinfetħu bil-għan li jkun hemm qbil dwar id-dispożizzjonijiet li huma koerenti ma' dawn id-dispożizzjonijiet orizzontali. Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-EDPS jirrakkomanda li ssir referenza espliċita għal dawn id-dispożizzjonijiet orizzontali.

Barra minn hekk, fir-rigward b'mod aktar speċifiku tar-Repubblika tal-Korea, l-EDPS jinnota li dan il-pajjiż diġà ngħata sejba ta' adegwatezza mill-Kummissjoni fl-2021. Konsegwentement, it-trasferimenti ta' *data* personali minn kontrollur jew proċessur fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) lil organizzazzjonijiet fir-Repubblika tal-Korea koperti mid-deċiżjoni ta' adegwatezza jistgħu jseħħu mingħajr il-ħtieġa li tinkiseb xi awtorizzazzjoni ulterjuri. Għalhekk, l-EDPS jirrakkomanda li jiġi spjegat aktar għaliex, minkejja d-deċiżjoni ta' adegwatezza, aktar negozjati dwar il-flussi transfruntiera tad-*data* u l-protezzjoni tad-*data* jitqiesu meħtieġa fil-każ tar-Repubblika tal-Korea.

Barra minn hekk, l-EDPS jifhem id-direttivi ta' negozjati u d-dispożizzjonijiet orizzontali bħala li jippermettu, f'każijiet debitament ġustifikati, miżuri li jkun jirrikjeddu li l-kontrolluri jew il-proċessuri jaħżnu *data* personali fl-UE/fiż-ŻEE. L-EDPS ifakkar li, flimkien mal-EDPB, huwa rakkomanda reċentement li l-kontrolluri u l-proċessuri, stabbiliti fl-UE/fiż-ŻEE u li jipproċessaw *data* elettronika personali dwar is-saħħa fil-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar l-Ispazju Ewropew tad-*Data* dwar is-Saħħa, jkun meħtieġa jaħżnu din id-*data* fl-UE/fiż-ŻEE, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li tiġi ttrasferita *data* elettronika personali dwar is-saħħa f'konformità mal-Kapitolu V tal-GDPR. Biex jiġi evitat kull dubju, l-EDPS jirrakkomanda li fid-direttivi ta' negozjati jiġi kkjarifikat espressament li r-regoli n-negozjati ma għandhomx jipprevjenu lill-UE jew lill-Istati Membri milli jadottaw, f'każijiet debitament ġustifikati, miżuri li jkun jirrikjeddu li l-kontrolluri jew il-proċessuri jaħżnu *data* personali fl-UE/fiż-ŻEE.

1. INTRODUZZJONI

1. Fl-14 ta' April 2023, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") ħarġet Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għad-dixxiplini kummerċjali diġitali mar-Repubblika tal-Korea u ma' Singapore ⁽¹⁾ ("ir-Rakkomandazzjoni"). Anness għar-Rakkomandazzjoni jagħti dettalji dwar id-direttivi għan-negozjar ta' dixxiplini ta' kummerċ diġitali mar-Repubblika tal-Korea u ma' Singapore u l-kontenut propost tar-regoli u l-impenji ("l-Anness").
2. L-Unjoni Ewropea ("l-UE") kellha ftehim ta' kummerċ ħieles mar-Repubblika tal-Korea mill-2011 u ftehim ta' kummerċ ħieles ma' Singapore mill-2019. Dawn il-ftehimiet ta' kummerċ ħieles jipprevedu impenji sostanzjali għall-kummerċ fil-prodotti u s-servizzi bejn il-partijiet, iżda ma jinkludux regoli komprensivi dwar il-kummerċ diġitali ⁽²⁾.
3. L-UE u r-Repubblika tal-Korea daħlu fi Sħubija Diġitali fit-28 ta' Novembru 2022 u f'dak il-kuntest qablu dwar Prinċipji tal-Kummerċ Diġitali mhux vinkolanti fit-30 ta' Novembru 2022. L-UE u Singapore daħlu fi Sħubija Diġitali fl-1 ta' Frar 2023, u qablu dwar Prinċipji tal-Kummerċ Diġitali mhux vinkolanti fil-31 ta' Jannar 2023 ⁽³⁾.
4. L-objettiv tar-Rakkomandazzjoni huwa li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mar-Repubblika tal-Korea u ma' Singapore sabiex jiġu stabbiliti dixxiplini vinkolanti dwar kummerċ fi prodotti u servizzi permessi b'mezzi elettroniċi, skont l-Artikolu 218(3) u (4) tat-TFUE.
5. L-Opinjoni preżenti tal-EDPS hija maħruġa bi tweġiba għal konsultazzjoni mill-Kummissjoni tal-14 ta' April 2023, skont l-Artikolu 42(1) tar-Regolament tal-UE dwar il-Protezzjoni tad-Data ⁽⁴⁾.

5. KONKLUŻJONIJIET

18. Fid-dawl ta' dan imsemmi hawn fuq, l-EDPS jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:
 - (1) li ssir referenza espliċita għall-fatt li n-negozjati dwar il-flussi tad-*data* u l-protezzjoni tad-*data* għandhom jinfetħu bil-ħsieb li jkun hemm qbil dwar dispożizzjonijiet li huma koerenti mad-dispożizzjonijiet orizzontali għall-flussi transfruntiera tad-*data* u l-protezzjoni tad-*data* personali f'negozjati kummerċjali approvati mill-Kummissjoni fl-2018.
 - (2) li jiġi spjegat fi premessa għaliex, minkejja d-deċiżjoni ta' adegwatezza mogħtija lir-Repubblika tal-Korea, aktar negozjati dwar il-flussi transfruntiera tad-*data* u l-protezzjoni tad-*data* huma kkunsidrati meħtieġa ma' dan il-pajjiż.
 - (3) li jiġi kkjarifikat, fid-direttivi ta' negozjati inklużi fl-anness għar-Rakkomandazzjoni, li r-regoli nnegozjati ma għandhomx jipprejvnu lill-UE jew lill-Istati Membri milli jimponu fuq il-kontrolluri u l-proċessuri, f'każijiet debitament ġustifikati, li jaħżnu *data* personali fl-UE/fiż-ŻEE.
 - (4) li tiddaħħal referenza għall-konsultazzjoni tal-EDPS fi premessa tad-deċiżjoni tal-Kunsill.

Brussell, il-15 ta' Mejju 2023.

Wojciech Rafał WIEWIÓROWSKI

⁽¹⁾ COM(2023) 230 final, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?qid=1681472401391&uri=COM%3A2023%3A230%3AFIN>

⁽²⁾ Premessa 1 tar-Rakkomandazzjoni.

⁽³⁾ Premessa 2 tar-Rakkomandazzjoni.

⁽⁴⁾ Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).